**280. Il-Vici Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, l-Onor. Lawrence Gonzi ppropona li:-**

Wara li l-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ra l-Estimi ta' l-Awditur Ġenerali għas-sena 2002 flimkien mad-dikjarazzjoni ta' l-Awditur għas-sena 2000;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Awditur Ġenerali personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa ta' l-istess Kumitat li saret fid-29 ta' April 2002;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Peress li l-Kumitat dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika b'mod unanimu rrakkommanda li l-estimi għandhom jiġu approvati kif imressqa;

Il-Kamra tad-Deputati għalhekk tapprova dawn l-estimi kif imressqa u kif approvati mill-Kumitat dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

30.04.2002